

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

2006/2113(INI)

11.10.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar strateġija Ewropea għal enerġija sostenibbli, kompetittiva u sikura -
Green Paper
2006/2113(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Evangelia Tzampazi

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu, is-suġġerimenti li ġejjin:

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Green Paper dwar l-Istrateġija Ewropea għal Enerġija Sostenibbli, Kompetittiva u Sikura
2. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea hija impenjata lejn l-oġettiv li tindirizza l-bidla fil-klima u għalhekk li tillimita ż-żieda tat-temperatura globali għal +2°C meta mqabbla ma' livelli preindustrijalizzati.
3. Ifakkar il-bżonn ta' bażi legali sabiex ikun hemm politika Ewropea fil-qasam ta' l-enerġija, li tiżgura ekonomija ta'enerġija sikura, bi prezz li jista' jintlaħaq, deċentralizzata u effiċjenti filwaqt li tħares l-ambjent; jinsisti li t-trasport huwa komponent ewlieni għal politika dwar l-enerġija sostenibbli bħal din u għalhekk irid jiġi indirizzat b'mod sħiħ.
4. Ihegġegħ lill-Kummissjoni, minħabba s-sitwazzjoni preżenti b'25 Regolatur ta' Enerġija separat fl-Istati Membri, sabiex tfejji reviżjoni ta' l-irwol tar-Regolaturi f'kull Stat Membru flimkien ma' evalwazzjoni sħiħa tal-bżonn potenzjali għal Regolatur Ewropew ta' l-Enerġija.
5. Jenfasizza li l-użu attwali ta' fjuwils fossili biex tiġi prodotta l-enerġija qed jaffettwa lill-klima b'mod negattiv u fuq kollox qed iwassal għal nuqqas ta' riżorsi u tbatil ta' dawn ir-riżorsi, filwaqt li jagħmel lill-Istati Membri dipendenti fuq l-esportazzjoni minn barra l-UE fir-rigward ta' l-enerġija; għalhekk jitlob biex il-programmi ta' azzjoni proposti kemm għall-Effiċjenza ta' l-Enerġija u kif ukoll għal Enerġija Sostenibbli, Kompetittiva u Sikura jkunu ambizzjużi sabiex iwasslu għal tnaqqis ta' 20% fil-konsum attwali ta' enerġija sa l-2020, ikunu akkumpanjati b'mekkaniżmi ta' mmoniterjar u kontroll u jkunu konsistenti ma' xulxin;
6. Jenfasizza li sigurtà ta' l-enerġija u tal-klima jridu jimxu id f'id u li l-isforzi kollha għad-diversifikazzjoni tal-forniment ta' l-enerġija għandhom jagħtu prijorità lill-alternattivi b'enerġija effiċjenti u b'karbonju baxx, bi prijorità lil sorsi ta' enerġija li tiġġedded.
7. Jenfasizza li għall-UE s-sigurtà ta' l-enerġija u tal-klima tiddependi b'mod konsiderevoli fuq żviluppi f'pajjiżi bħall-Istati Uniti, iċ-Ċina, l-Indja eċċ, u jhegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iżidu l-isforzi biex idaħħlu lill-dawn il-pajjiżi fil-proċess tal-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima; jikkunsidra li inizjattiva importanti tkun dik li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw bħaċ-Ċina u l-Indja jkunu megħjunin finanzjament biex jinvestu f'teknoloġiji ta' enerġija aktar effiċjenti u b'karbonju baxx.
8. Jirrimarka li enerġija ġeotermali kif ukoll enerġija tal-mewġ jirrappreżentaw pontenzjalitajiet enormi f'termini ta' forniment ta' enerġija, inkluż fl-Ewropa, u għandu jsir sforz serju lejhom.
9. Ifakkar l-importanza li titqajjem kuxjenza kemm fost l-industrija u kif wkoll fost iċ-

ċittadini dwar l-użu razzjonali ta' l-enerġija u l-prevenzjoni tal-ħela ta' l-enerġija u jitlob biex jitniedu kampanji wiesgħa ta' tagħrif u ta' edukazzjoni; jitlob ukoll għall-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu;

10. Iħeġġeġ li l-istrateġija Ewropea għall-enerġija għandha tistipula miri ambizzjużi sabiex iżżid b'mod gradwali s-sehem ta' sorsi ta' enerġija b'CO₂ baxx fit-taħlita ta' enerġija tagħha; jappoġġja l-idea ta' qbil dwar mira strateġika ġenerali bħalma hija l-mira għal livell minimu ta' taħlita ta' enerġija globali għall-UE li toriġina minn sorsi sikuri ta' karbonju baxx.
11. Jirrimarka li d-dipendenza ta' l-UE fuq enerġija importata diġà għandha effett sinifikanti u sejra tkompli ddgħajjef l-indipendenza ta' l-UE fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha f'oqsma politiċi oħra, sakemm ma jittiħdux miżuri sodi biex jiġu appoġġjati l-iżvilupp u l-użu ta' sorsi indiġeni ta' enerġija.
12. Jilqa' b'sodifazzjon, fil-kuntest tal-Green Paper, l-inizjattiva reċenti tal-Kummissjoni li tagħmel studju li jindirizza r-rabtiet reċiproċi bejn l-immaniġġjar tar-riżorsi naturali u l-kunflitt fir-relazzjonijiet barranin tal-Kummissjoni, u jenfasizza b'mod partikulari r-rabtiet bejn is-sigurtà ta' l-enerġija u s-sigurtà tal-klima;
13. Ifakkar li 40% ta' l-enerġija ta' l-UE tintuża fil-binjiet; jappoġġja l-idea li d-Direttiva attwali dwar il-bini tiġi estiża għall-binjiet kollha; f'dan il-kuntest jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa l-possibilità li toħloq sistema pan-Ewropea ta' 'white certificates' fil-qasam ta' effiċjenza ta' enerġija.
14. Jitlob biex tingħata attenzjoni xierqa lis-settur tat-trasport fl-istrateġija.
15. Jitlob għal miri li jorbtu rigward emissjonijiet ta' CO₂ mill-karozzi, i.e. 120 gramm ta' CO₂ għal kull vettura/kilometru sa l-2012; iqis li wara, dawn il-miri, għandhom ikomplu jitbaxxew aktar ta' l-anqas b'10g kull km kull sentejn sakemm jintlaħaq massimu ta' 80g/km sa l-2020 għall-vetturi kollha tat-triq.
16. Jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq il-miżuri ta' implimentazzjoni għall-prodotti b'potenzjal għoli ta' iffrankar ta' enerġija fil-qafas tad-Direttiva ta' l-EUP (Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 li tistabbilixxi qafas biex jiġu stipulati r-rekwiżiti għall-ippjanar ekoloġiku għall-prodotti li jużaw l-enerġija, ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29) l-aktar tard sar-Rebbiegħa ta' l-2007.
17. Iqis li huwa allarmanti li l-miri stipulati mill-Unjoni Ewropea għaż-żieda ta' l-użu ta' enerġija li tiġġedded għall-2010 probabilmment mhux se jinkisbu mill-Istati Membri kollha; jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-miri definiti jintlaħqu.
18. Jinsisti li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi fir-riċerka u fid-demostrazzjoni teknoloġika partikolarment fl-Istati Membri l-ġodda, biex jiġi inkoraġġit u żvilupp b'mod aktar effettiv l-użu ta' sorsi ta' enerġija li tiġġedded; jenfasizza l-importanza li jiġu introdotti inċentivi ta' taxxa f'każ ta' użu ta' bijofjuwils fis-settur tat-trasport, li jistgħu jikkontribwixxu wkoll bħala sors ta' dħul alternattiv f'xi żoni rurali ta' l-Unjoni Ewropea.;

19. Jara bżonn, b'rabta ma' dan, għal aktar approssimazzjoni u armonizzazzjoni fl-appoġġ għal elettriku minn enerġija li jiġġeddu sabiex jintużaw fuq kollox f'postijiet bl-aħjar kundizzjonijiet naturali; jemmen li, skond it-tagħrif kurrenti, leġislazzjoni Ewropea ta' ħażna ('feed-in law') tkun l-aħjar possibiltà, iżda li jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll sistemi oħra.
20. Jispera li l-pjan direzzjonali (*roadmap*) dwar sorsi ta' enerġija li jiġġeddu previst fil-Green Paper ikun wieħed ambizzjuż, ipoġġi l-enfasi fuq ir-riċerka u jinkludi mekkaniżmu annwali biex jiġu evalwati l-miri miksuba.;
21. Jitlob biex tingħata kunsiderazzjoni lill-possibiltà li jiġi ggaranitit u prijoritizzat l-aċċess għall-grilja ta' l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu ; jitlob għal sforz koordinat biex jinholq qafas aktar favorevoli għal mikroproduzzjoni, u biex jiġu ikkunsidrati b'mod ġenerali l-benefiċċji possibbli ta' produzzjoni deċentralizzata.
22. Jiġbed l-attenzjoni għad-domanda għolja għall-enerġija primarja u għall-potenzjal għoli ta' ffrankar fir-rigward ta' tisħin tal-bini, u għalhekk jappoġġja t-tħabbira li għamel il-Kummissarju Piebalg li qabel it-tmien ta' l-2006 sejjer iressaq direttiva dwar sistemi ta' tisħin li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent .
23. Ifakkar li sorsi ta' enerġija li jiġġeddu huma f'xi każi diġà kompetittivi llum u għandhom biss bżonn ta' finanzjament tal-bidu jew it-tneħħija ta' ostakoli biex jidħlu fis-suq, u li, fejn wara jibqgħu spejjeż oġhla , għandha tingħata aktar importanza lir-riskji marbuta ma' sorsi ta' enerġija oħra, bħalma hija l-produzzjoni ta' CO2 u l-importazzjoni ta' materja prima minn reġjuni politiċi li mhumiex stabbli.
24. Ifakkar li strateġija ta' diversifikazzjoni fit-tul għal sorsi ta' enerġija tibbenefika mill-implimentazzjoni ta' kundizzjonijiet ugwali, i.e. billi tiżgura li l-paraguni bejn is-sorsi jsiru b'internalizzazzjoni sħiħa ta' l-ispejjeż barranin tagħhom (skart, żarmar, tbatil tas-sors) u billi jiġu kkunsidrati l-benefiċċji ambjentali rispettivi tagħhom.
25. Jitlob lill-Kummissjoni biex turi l-interess tagħha kemm f'sorsi ta' enerġija li jistgħu jiġġeddu u kif ukoll fl-iffrankar ta' l-enerġija u biex tintegra dawn il-politiki fl-azzjonijiet kollha ffinanzjati mill-fondi strutturali u ta' koeżjoni (integrazzjoni (*mainstreaming*)) u b'mod partikulari daww tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għar-reġjuni kollha ta' l-Unjoni mingħajr eċċezzjoni, filwaqt li tqis il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, tul il-perjodu ta' programmar li jmiss (2007-2013.)
26. Jenfasizza l-bżonn li jinħolqu miri aktar ambizzjużi għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Iskambju ta' l-Emissjonijiet bħala parti mill-istrateġija ppreżentata taħt il-Kapitolu dwar il-Bidla fil-Klima.
27. Jitlob lill-Kummissjoni biex fl-2010 tressaq evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-proposti fil-paragrafu 25 u fl-aħħarnett evalwazzjoni ex post fl-aħħar tal-perjodu ta' programmar.
28. Jikkunsidra li l-impatt ta' l-azzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jkun imsaħħaħ b'mod konsiderevoli, b'politika barranija b'saħħitha mmirata biex tipperswadi lill-pajjiżi industrijalizzati kollha biex jingħaqdu fil-ġlieda kontra il-bidla fil-klima u b'inklużjoni akbar ta' programmi għall-enerġija effiċjenti u nadifa fil-politika ta' l-Unjoni għall-

Iżvilupp .

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-kwistjonijiet ta' l-enerġija, qatt qabel, mill-kriżi ta' l-enerġija tas-snin 70 'l hawn, ma kienu daqshekk minn ta' fuqnett fl-aġenda politika u soċjali. Il-bidliet li jseħħu fis-settur ta' l-enerġija huma sinifikanti u radikali u se jfasslu fit-tul it-traġitt ekonomiku tal-pajjiżi kollha. Mingħajr ippjanar fit-tul ta' l-enerġija l-Unjoni tinsab fil-periklu li ssofri l-konsegwenzi ta' tbatija li jġib miegħu l-ħolqien ta' staġun ġdid ta' enerġija .

Fuq il-livell soċjali, id-djalogu pubbliku huwa ffokat l-aktar fuq il-prezzijiet għoljin taż-żejt (li mhumieq mistennija jonqsu għal-livelli baxxi tas-snin ta' qabel). Fuq il-livell purament ta' l-enerġija, id-dibattitu ta' l-esperti huwa mwettaq f'oqsma varji. Il-kontroversja ewlenija tinsab f'jekk il-produzzjoni ta' l-argon laħqitx il-massimu jew jekk hix se titfaċċa 'quċċata ta' żejt' fid-deċennju li jmiss. Madankollu din id-diskussjoni għandha relattivament importanza limitata għal ippjanar fit-tul. Huwa għalhekk li r-rapporteur għal opinjoni tqis li huwa essenzjali li tinholq ta' l-anqas politika esterna komuni dwar l-enerġija.

L-Ewropa għandha tiġġieled il-ħela ta' l-enerġija b'kull mod. Fil-bidu tas-snin 80, minnufih wara t-tieni xokk tal-petrol, l-Ewropa bdiet sforz ġgantesk ta' ffrankar ta' enerġija li rriżulta fi tnaqqis ta' bejn wieħed u ieħor 10% fil-konsum taż-żejt fil-pajjiżi ta' l-OECD fi tliet snin, filwaqt li fl-istess ħin inżammet iż-żieda tal-prodott ekonomiku. Ir-restrizzjoni ta' ħela u l-użu razzjonali ta' l-enerġija jikkostitwixxu bżonn imperattiv u universali, jekk irridu nagħmlu t-tranżizzjoni fl-era l-ġdida ta' l-enerġija kemm jista' jkun mingħajr tbatija filwaqt li jiġihares l-ambjent. Il-prezzijiet għoljin taż-żejt u tal-gas jenfasizzaw il-ħtieġa għal sforz sabiex l-enerġija tintuża b'mod razzjonali. Sforz li f'terminu ta' żmien qasir se johlq 1,000,000 impjieg fl-UE (spetturi ta' l-enerġija, elettriċisti, xogħol ta' insulazzjoni ta' bini, xogħol ta' rinnovazzjoni ta' residenzi eċċ.).

Fl-istess ħin l-UE tista' tiffranka sa 20% tal-konsum attwali ta' l-enerġija, f'bini, trasport u industrija. Nofs l-iffrankar jirriżulta mill-applikazzjoni mill-Istati Membri tal-qafas legali Ewropew eżistenti. In-nofs l-ieħor jirriżulta minn soluzzjonijiet innovattivi. Din hija r-raġuni għalfejn qed nitolbu lill-Kummissjoni Ewropea biex turi tolleranza minima fil-konfront tan-nuqqas ta' applikazzjoni mill-istati membri tar-regolament dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija fil-bini.

Dan l-objettiv ta' ffrankar ta' enerġija b'20% għandu, skond ir-rapporteur għal opinjoni, jkun jorbot għall-istati membri kollha. Fl-istess ħin it-transpożizzjoni u l-applikazzjoni sħiħa tad-direttivi eżistenti dwar il-bini, il-koproduzzjoni ta' l-elettriku u s-sħana, l-ekodisinn, l-effiċjenza fl-enerġija, u l-ittikkettar ta' konsum ta' enerġija fit-tagħmir elettriku fl-istati membri kollha jibqgħu ta' importanza ewlenija. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija mitluba wkoll biex taħdem fuq l-ittikkettar ta' tagħmir ta' l-arja kundizzjona fil-bini.

Meta wieħed iqis li anki bini pubbliku jipparteċipa fil-ħela ta' l-enerġija, din il-kwistjoni għandha tiġi affaċċjata b'ispezzjonijiet annwali u kontinwi ta' l-enerġija u d-dejta li tirriżulta għandha tiġi ppubblikata sabiex il-kontroll pubbliku jkun aktar fattibbli. It-twaqqif ta' istituzzjoni indipendenti li jkollha r-responsabilità li tissorvelja l-pjan ta' ffrankar ta' enerġija, li tattendi u tivverifika t-twettiq ta' l-obbligi li johlrgu mill-obbjettiv tal-Komunità ta' tnaqqis ta' 20%, huwa meqjus neċessarju. Barra minn hekk, ir-rapporteur tqis neċessarja l-pubblikazzjoni

annwali ta' evalwazzjoni ta' dak imsemmi hawn fuq u l-obbligazzjoni li l-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew jinżammu infurmati.

Fis-settur tat-trasport, ir-rapporteur tilqa' b'sodifazzjon l-isforzi li saru sabiex jiġi ffrankat il-fjuwil bl-ġhajnuna ta' makni ibridi jew ta' makni "STOP and START"; madankollu hi temmen li dawn l-isforzi għandhom ukoll jiġu estenzi għal elementi oħra tal-karozza bħal m'hu l-kundizzjonament ta' l-arja. Hi tteġġeġ, għalhekk, lill-industrija tal-karozzi sabiex tieħu passi dwar il-kwistjoni wara li tikkonsulta mal-Kummissjoni Ewropea fil-qafas tal-"ftehimiet volontarji".

Madankollu l-UE għandha f'idejha għodod utli għall-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki f'livell Ewropew u dawn l-għodod huma l-fondi strutturali. Ir-rapporteur tqis li għall-iffinanzjar kollu li ġej mill-Fond Reġjonali u li jikkonċerna l-kostruzzjoni ta' bini jew kwalunkwe intervent fis-settur tal-bini, għandhom jiġu kkunsidrati r-rendiment tal-bini fir-rigward ta' l-enerġija kif ukoll il-possibiltà li jintużaw sorsi ta' enerġija interni (ġeometriċi - bijoklimatiċi eċċ.).

Għalhekk il-Kummissjoni Ewropea hija mitluba li tipproċedi biex tpoġġi fuq quddiem mhux biss it-talba ġenerali ta' użu razzjonali ta' l-enerġija iżda wkoll il-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu permezz tal-fondi strutturali għar-reġjuni Ewropej kollha.

B'dan il-mod, l-oġġettivi ta' Liżbona huma appoġġjati, is-Suq Intern tal-Konsum ta' l-Enerġija huwa msaħħaħ u fl-istess ħin il-pożizzjoni tal-kompetittività internazzjonali ta' l-UE hija promossa permezz ta' settur fejn l-UE għandha rwol ewlieni.

PROĊEDURI

Titolu	Strateġija Ewropea għal eneġija sostenibbli, kompetittiva u sikura - Green Paper	
Numru tal-proċedura	2006/2113(INI)	
Kumitat responsabbli	ITRE	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 18.5.2006	
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja		
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Evangelia Tzampazi 16.5.2006	
Rapporteur għal opinjoni preċedenti		
Eżami fil-kumitat	13.9.2006	10.10.2006
Data ta' l-adozzjoni	10.10.2006	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 44 -: 1 0: 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Georgs Andrejevs, Liam Aylward, Irena Belohorská, Johannes Blokland, John Bowis, Frieda Brepoels, Dorette Corbey, Avril Doyle, Mojca Drčar Murko, Jill Evans, Anne Ferreira, Matthias Groote, Satu Hassi, Gyula Hegyi, Jens Holm, Mary Honeyball, Caroline Jackson, Dan Jørgensen, Christa Kläß, Eija-Riitta Korhola, Urszula Krupa, Marie-Noëlle Lienemann, Peter Liese, Linda McAvan, Riitta Myller, Péter Olajos, Miroslav Ouzký, Karin Scheele, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Bogusław Sonik, María Sornosa Martínez, Antonios Trakatellis, Evangelia Tzampazi, Thomas Ulmer, Marcello Vernola, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Anders Wijkman	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	María del Pilar Ayuso González, Hélène Goudin, Kartika Tamara Liotard, Caroline Lucas, Bart Staes	
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Fausto Correia	
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	...	